# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 11 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 963/2020 AF**

**Elena Victorovna Spagnol f'isem u ghan-nom ta' bintha Liliya Koltsova u Semen Ovsyanik**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates**

**u**

**L-Agenzija Identity Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Elena Victorovna Spagnol noe u ta' Semen Ovsyanik li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Ir-rikorrenti Elena Victorovna Spagnol giet Malta ghall-ewwel darba fit-13 ta' Novembru 2006 fuq visita turistika mat-tifel taghha Semen Ovsyanik meta dan kien ghadu minorenni u sussegwentement tant ghogobha l-istat Malti u l-pajjiz, illi hadet decizjoni illi terga' tigi sabiex tistabbilixxi d-domicilju taghha hawnhekk flimkien mat-tfal taghha cioè Semen Ovsyanik, li twieled fid-19 ta' Frar 1996 u Liliya Koltsova, li twieldet fis-17 ta' Novembru 2004.

Matul l-ewwel ftit xhur li ghamlet f'Malta, hija kienet qed tahdem bhala waitress u ghamlet l-almu kollu taghha sabiex issostni bl-ahjar mod possibbli lit-tfal taghha, illi matul dan iz-zmien kienu qeghdin immoru l-iskola.

Hija ltaqat f'Malta ma' Joachim sive Jack Spagnol, li huwa cittadin Malti, u minn Awwissu tas-sena 2007 bdiet tiffrekwentah u addirittura bdew jghixu flimkien taht saqaf wiehed fil-blokka bl-isem ta' 'Marshall Court', Appartament numru 26, fil-Gzira, bit-tir ewlieni illi jibnu familja gdida f'Malta.

Din ir-relazzjoni tant kemm mxiet sew u bdiet tipprogredixxi mal-ewwel xhur taghha, illi r-rikorrenti Elena Spagnol, ddecidiet illi tirsisti sabiex eventwalment gabet f'Malta f'Jannar tas-sena 2010 wkoll lit-tifla zghira taghha mir-Russja, u cioè, Liliya Koltsoya, li twieldet ir-Russja stess fis-17 ta' Novembru 2004 kif inghad.

Din il-familja l-gdida tant kemm inghaqdet bl-aktar mod seren illi Elena u Joachim, iddecidew illi jizzewwgu fl-20 ta' Novembru tas-sena 2007 (DOK. ES2).

Naturalment, minn sena ghal sena, Elena Spagnol ormai mizzewga peress illi kienet akkwistat bi dritt il-permess ta' residenza flimkien mad-dritt taghha li tahdem permezz taz-zwieg taghha, hija kompliet bix-xoghol taghha f'Malta wkoll, u

d-dipendenti taghha u cioè z-zewg tfal minuri Semen u Liliya kellhom il-permess li jghixu ma' ommhom stess.

Fil-bidu tas-sena 2013, u dana wara l-perkors ta' hames snin mizzewga minghajr ebda problemi ta' fatt u ta' dritt mar-ragel taghha, Elena Spagnol, kienet intitolata sabiex minn semplici permess ta' residenza u xoghol a bazi ta' zwieg, hija tapplika ghac-Cittadinanza Maltija illi dak iz-zmien ghad-differenza ta' llum kien process illi wiehed kien japplika ghalih minn l-ufficcju tal-Prim Ministru f'Kastilja.

B'success wara li saru l-evalwazzjonijiet necessarji kollha u opportuni  ghal dan l-iskop, id-Direttur tac-Cittadinanza u l-Expatriates kien effettivament hareg ic-Certifikat ta' Cittadinanza lil Elena Victorovna Spagnol li ghandu u li jgib n-numru 15973, fl-1 ta' Novembru tas-sena 2013 (DOK. ES3).

Mill-mument illi hadet ic-Cittadinanza taghha, r-rikorrenti giet stradata sabiex tintavola applikazzjoni ghat-tifel taghha, li flimkien ma' ohtu, dejjem irrisjedew maghha u mar-ragel taghha, li sa dak iz-zmien u cioè fil-bidu tas-sena 2014, kienu ghadhom it-tnejn li huma minorenni.

Din l-ewwel applikazzjoni damet cirka sena sabiex tigi pprocessata u qatt ma kien hemm komunikazzjonijiet mar-rikorrenti Elena Victorovna Spagnol tant illi ghal xi raguni però illi l-intimati ghandhom jirrispondu ghaliha, kienet giet mitlufa fil-vojt ghaliex ir-rikorrenti Elena Spagnol kienet giet imsejjha biex terga' tapplika mill-gdid.

B'mod sussegwenti, ir-rikorrenti Elena Victorovna Spagnol, giet imsejha sabiex terga' tmur ghat-tieni darba tintavola allura applikazzjoni gdida, din id-darba però, ghaz-zewg tfal taghha, u dana sabiex dawn ikollhom id-dritt illi tigi moghtija lilhom ic-Cittadinanza Maltija, b'din id-darba, Semen Ovsyanik, digà kien ghalaq l-eta' ta' tmintax-il sena u allura kien maggiorenni.

Din it-tieni applikazzjoni, ukoll spiccat ghada sal-gurnata ta' llum ma tat ebda rizultanzi u ir-rikorrenti Semen Ovsyanik, stante l-fatt, illi mill-età ta' minorenni sa llum ghadu bla cittadinanza Maltija spicca f'sitwazzjoni ta' dipressjoni u anzjetà kbira li sa

anki geghlitu jidhol l-Isptar Mater Dei fil-qasam tal-kura psikjatrika ghal diversi drabi minhabba illi giet affettwata d-dinjità u l-integrità tieghu bhala bniedem, illi ghalkemm kien u ghadu mimli energija, ma setax jaccetta kif tali applikazzjoni tieghu sa llum minn dak iz-zmien kollu ghada ma rrizultax fid-dritt tieghu li jircievi c-Cittadinanza kif ser jigi kjarament muri fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Kemm Elena Victorovna Spagnol u kif ukoll binha Semen Ovsyanik, huma t-tnejn konxji tal-fatt, illi kien hemm nies f'sitwazzjonijiet simili illi malli tefghu l-applikazzjonijiet taghhom sabiex jiehu c-cittadinanza tat-tfal, huma hadu dan id-dritt fi ftit xhur wara, u mhux bhal fil-kaz tat-tfal ta' Elena Victorovna Spagnol illi kellhom jistennew iktar minn hames snin bil-konsegwenza illi ghadhom sa llum ma hadu xejn u ghadhom igeddu l-permess temporanju ta' residenza taghhom minn sena ghal ohra bil-hlasijiet kollha u l-ispejjez li dawn igibu maghhom (DOK. ES4).

Din is-sitwazzjoni ormai, qed issarraf f'pregudizzju serjissimu versu l-htigijiet u l-ezigenzi psikologici u anki dawk materjali illi r-rikorrenti kellhom jghaddu minnhom minhabba l-hsara kollha illi kellhom igarrbu maz-zmien Elena Victorovna Spagnol u t-tfal taghha, b'mod specjali wkoll, Semen Ovsyanik, illi matul dawn l-ahhar granet meta din il-kawza ormai ser tinfetah rega' dahal l-Isptar Mater Dei ghal kura psikjatrika tieghu.

L-Agenzija Identity Malta, ipprovat wkoll taghmel hsara ulterjuri lil Elena Victorovna Spagnol, ghaliex wara illi din ta' l-ahhar ghazlet illi tintavola ittra ufficcjali datata 18 ta' Novembru 2018 kontra d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatrijati (DOK. ES1) fuq is-sitwazzjoni tal-applikazzjonijiet ghac-cittadinanza tat-tfal taghha, l-istess Agenzija qed tispicca thedded b'mod sfaccat lir-rikorrenti sabiex tohrog ordni biex tigi revokata c-Cittadinanza taghha minghajr ebda bazi ta' fatt u tad-dritt imma semplicement biex tipprova tintimidha sabiex ma tmexxix proceduri fil-Qrati tal-Gustizzja ghad-drittijiet sogrosanti taghha u tat-tfal.

Ir-rikorrenti, t-tnejn li huma, rinfaccjati b'dan it-tip ta' trattament ma jistghux jghixu hajja dicenti u spiccaw b'idejhom

marbutin sabiex iwaqqfu darba ghal dejjem dan l-abbuz fil-Qrati tal-Gustizzja stante dak illi qed isehh maghhom bhalissa u li ilu jsehh maghhom ghal dawn l-ahhar hames snin u izjed.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom, qegħdin b'mod abbużiv u llegali jiksru id-drittijiet ċivili ta' Elena Victorovna Spagnol, detentrici tal-karta tal-identità Maltija numru 3214L, li qed tidher f'isem bintha Liliya Koltsova, detentrici tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0137768A u ta' Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A, u li qegħdin allura jikkaġunawlhom ħsara b'mod irreparabbli stante illi għadhom sa llum, kemm lil Liliya Koltsova u lil Semen Ovsyanik, ma tawhomx b'mod effettiv mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' fatt jew ta' dritt, ic-cittadinanza Maltija spettanti lilhom skond il-Ligijiet ta' Malta b'konsegwenzi drastici ghalihom kollha.

2. Tordna b'mod sussegwenti illi l-intimati jew min minnhom għandhom b'mod effettiv jersqu sabiex fi żmien qasir u perentorju skond ma din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, johorgu ic-certifikat ta' cittadinanza Maltija lil Liliya Koltsova, detentrici tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0137768A u lil Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A.

3. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom, huma responsabbli ghal hsara f'forma ta' danni materjali u/jew morali illi garrbu r-rikorrenti permezz ta' dan id-dewmien ingustifikat, abbuziv u bla bzonn li sarrfet u ghadha qed issarraf fi ksur tad-drittijiet civili taghhom.

4. Tillikwida l-istess d-danni materjali kollha sofferti minhabba dan in-nuqqas kollu li qieghed isehh, jekk hemm bżonn anki bl-opra ta' periti nominandi ghal dan l-iskop u sussegwentement tordna lil intimati jew lil min minnhom jersqu għall-ħlas effettiv tal-kull ammont hekk likkwidat a favur taghhom.

5. Tillikwida ulterjorment, id-danni morali kollha sofferti minhabba in-nuqqasijiet kollha li sehhew maz-zmien stante illi Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A, kien u ghadu qieghed jigi pprivat kompletament mid-dritt sagrosant illi jkollu d-dritt li jahdem bhala cittadin Malti, u dan sakemm l-istess intimati jew min minnhom johorgu b'mod effettiv ic-certifikat ta' cittadinanza tieghu.

Bl-ispejjeż tal-prezenti, u tal-ittra ufficcjali legali datata 14 ta' Novembru 2018, u bl-ingunzjoni tal-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates u tal-Aġenzija Identity Malta:

In linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu illi l-azzjoni tal-atturi hija perenta ai termini tal-artikolu 469A (2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari wkoll, l-applikazzjoni ghac-cittadinanza ta' Semen Ovsyanik ma tistax titmexxa mill-omm *stante* illi l-applikazzjoni ghac-cittadinanza tas-sinjur Ovsyanik saret meta huwa kien maggiorenni (kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok '**IMA 1**'). Ghalhekk l-azzjoni f'isem u ghan-nom tas-Sur Ovsyanik mill-attrici hija monka.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma sar xejn mill-eccepjenti li jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti.

L-ebda persuna originarja minn pajjiz barrani ma ghandha d-dritt li takkwista Cittadinanza Maltija. L-ghoti tac-Cittadinanza jaqa' fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat u d-decizjoni hija necessarjament diskrezzjonali u sigrieta minhabba li tista' timpingi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u *public policy*. L-Istat mhuwiex legalment marbut jaghti ragunijiet jekk talba ghall-ghoti ta' Cittadinanza ma tintlaqax u din id-decizjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli u dan kif stipulat fl-artikolu

19 tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar ic-Cittadinanza Maltija).[1]

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jisottomettu illi l-agir ta' l-esponenti kien dejjem wiehed korrett li jirrispetta dak li tipprovdi l-Ligi.  Illi l-artikolu 10 (1) tal-Kap. 188 (taqsima V) jipprovdi li sabiex persuna tinghata cittadinanza Maltija, l-Ministru jrid ikun sodisfatt li l-ghoti tac-cittadinanza Maltija lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku.  Illi ghalhekk, id-Dipartiment jaghmel il-verifiki kollha f'dan ir-rigward u huwa l-obbligu ta' l-esponenti li jinvestiga kull allegazzjoni u informazzjoni li jkollu, u kull decizjoni tittiehed a bazi tal-informazzjoni ufficjali li jkollu d-Dipartiment.[2]

F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti jirrespingu bil-qawwa kull allegazzjoni li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilhom senjatament li naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, huma dejjem agixxew fil-parametri u b'konformita' shiha mal-ligi.  Ghaldaqstant l-agir tal-esponenti sar ghall-ghanijiet xierqa u huwa msejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u skont il-ligi.

Il-minuri in kwistjoni m'humiex wild ta' zwieg bejn persuna Maltija u persuna ta' pajjiz terz u wisq anqas twieldu gewwa Malta.  Dan ifisser illi m'hemm ebda dritt civili illi jinghataw ic-Cittadinanza kif qed jigi allegat fir-rikors guramentat in risposta.

---

[1] Ara digriet kamerali ta' dina l-Onorabbli Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet "**Emmylou Aguilar Vella (K.I. 56805A) et vs Ignatius Ciantar noe et"** tas-27 ta' Dicembru 2018: "Illi skont din l-ipoteżi mressqa mill-atturi, ċjoe` li l-art 6 huwa tabilħaqq tassattiv, m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet, għaliex il-Ministru ma jkollu l-ebda diskrezzjoni u jkun marbut li jagħti ċ-ċittadinanza.  Il-Qorti kull ma jkollha bżonn tagħmel hu li tħares lejn it-test tal-liġi;

Illi ankorke` kien hemm il-ħtieġa li jiġu ndagati r-raġunijiet li wasslu għar-rifjut tal-għoti taċ-ċittadinanza tal-attriċi, xorta kien irid jiġi rrinfaċċjat l-ostaklu espress u insormontabbli tal-liġi li fl-Artiklu 19 tal-Kap 188 tippreskrivi perentorjament li **"Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att**";

[2] Sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet "*Alexander Schembri et vs Agenzija Identity Malta et"* (834/16GM) deciza fl-20 ta' Ottubru 2020

Fir-rigward tal-allegazzjoni gratwita illi d-dipartiment tac-cittadinanza qieghed jedded lill-attrici illi ser tigi deprivata mic-cittadinanza taghha, l-esponenti jiddikjaraw bhala fatti konoxxuti lilhom illi Elena Spagnol kienet zzewget lill-Joachim Spagnol fl-20 ta' Novembru 2007 fil-Belt Valletta. Illi fit-3 ta' Awwissu 2009 is-sur Spagnol gie kkundanat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali) fis-sentenza fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs. Joachim Borg"* ghal tlett (3) snin u erba' (4) xhur habs. Kif jista' jikkonfermaw l-ufficcjali mill-facilità korrettiva ta' Kordin, is-sur Spagnol gie ammess fil-facilità fit-3 ta' Awwissu 2009 u gie rilaxxat fit-23 ta' Ottubru 2011. Tenut kont il-fatt li Elena Spagnol u Joachim Spagnol izzewgu fl-2007 u Joachim skonta l-piena fil-facilità korrettiva ta' Kordin bejn is-sena 2009 u s-sena 2011 dan ifisser illi l-koppja mizzewga ma kienux jghixu flimkien bhala koppja mizzewga ghal perjodu intier ta' hames (5) snin li ppreceda l-applikazzjoni ghac-cittadinanza ta' Elena Spagnol. Dan ifisser illi l-attrici ghamlet dikjarazzjoni falza meta kitbet illi hija u zewga ghamlu hames (5) snin jghixu flimkien. Fil-fatt l-attrici giet infurmata illi ser jsir ordni sabiex tigi deprivata c-cittadinanza taghha u li hija kellha d-dritt li taghmel inkjesta quddiem il-kumitat tal-inkjesta sabiex tikkontesta din id-decizjoni imma hija baqghet ma ezercitatx dan id-dritt.

Fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l-esponenti jeċepixxu illi ċertament li l-esponent ma agixxewx in *mala fede* jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma jwiegbu għall-ebda danni.

Semmai kwalunkwe fir-rikjesta ghal danni jrid jigi ppruvat n-ness bejn dak allegat fir-rikors guramentat in risposta u l-agir tal-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jattakkaw in-nuqqas tal-konvenuti milli jilqgħu l-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċittadinanza Maltija. Id-deċiżjoni tal-lum hija limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li permezz tagħha jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Elena Victorovna Spagnol, li ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija f'Novembru 2013, applikat għaċ-ċittadinanza Maltija ta' uliedha l-attur Semen Ovsyanik u Liliya Koltsova fl-2014. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Semen Ovsyanik, din kellha tiġi sottomessa mill-ġdid mill-attur innifsu stante li fl-2014 huwa għalaq tmintax-il sena. L-attriċi tikkontendi li rappreżentanti tal-konvenuti kienu jgħidulha li ċ-ċertifikati ta' ċittadinanza ta' uliedha kienu waslu biex joħorġu iżda qatt ma ħarġu. Tgħid ukoll illi uliedha għandhom kull dritt illi jieħdu ċittadinanza Maltija.

Skont it-tieni sub inċiż tal-artikolu 469A, egħmil amministrattiv tfisser '*il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.*'

Dan is-sub artikolu jkompli billi jiddisponi li:

> "*Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;*

*"awtorità pubbblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."*

Imbagħad, a tenur tat-tielet sub inċiż:

*"Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."*

L-abbli difensur tal-atturi jikkontendi li l-assistiti tiegħu mhumiex qed jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tagħhom u għaldaqstant, jargumenta li l-kawża tal-lum mhijiex waħda għal stħarriġ ta' egħmil amministrattiv.

Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx. Dak li qed jilmentaw dwaru l-atturi huwa proprju l-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jilqgħu l-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċittadinanza Maltija u għalhekk, kif qalet proprju din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia vs Direttur taċ-Ċittadinanza et, tad-29 ta' Novembru 2018:

*"...Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li twettaq biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorità pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni..."*

Dwar il-fatt illi l-atturi ma ġewx mgħarrfa formalment illi l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx milqugħa, aktar qabel fis-sentenza suċitata ntqal proprju hekk:

*"Illi l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser wieħed x'għandu jifhem bil-kliem "egħmil amministrattiv". Dak l-artikolu jgħodd għall-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut li jsir minn xi awtorità pubblika għal talba ta' xi persuna, imma ma tgħoddx fiha xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni*

*fi ħdan l-istess awtorità. Fi kliem l-istess artikolu, iċ-ċaħda ta' talba titqies ukoll bħala "egħmil amministrattiv" u n-nuqqas ta' għoti ta' tweġiba jew deċiżjoni fiż-żmien preskritt titfisser ukoll bħala ċaħda tat-talba. Fl-istess artikolu b'"awtorità pubblika" l-liġi tifhem il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwiti permezz ta' liġi."*

Mill-atti jirriżulta li l-atturi applikaw għaċ-ċittadinanza f'Novembru 2014, bagħtu ittra uffiċjali lid-Direttur konvenut f'Novembru 2018 fejn interpellawh sabiex joħroġ iċ-ċertifikati ta' ċittadinanza u din il-kawża saret kważi sentejn wara, f'Ottubru 2020. L-atturi ma ġabu l-ebda prova sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom illi huma kienu ġew mgħarrfa li l-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom kien għadu għaddej.

Għaldaqstant, skont it-tieni u tielet sub inċiż tal-artikolu 469A, la darba l-atturi baqgħu ma ġewx notifikati b'deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta l-ittra uffiċjali tagħhom ġiet notifikata lill-konvenut, minn dakinhar illi għaddew dawk ix-xahrejn, in-nuqqas ta' deċiżjoni tikkostitwixxi rifjut u l-kawża għal stħarriġ ta' dak l-egħmil amministrattiv kellha ssir fi żmien sitt xhur minn dakinhar tar-rifjut.

L-atturi ma jistgħux iħallu ż-żmien jgħaddi imbagħad jippretendu li jintavolaw kawża li jgħidu li saret taħt il-liġi ġenerali. Kif ingħad proprju fil-każ ta' Hamid Rami vs Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et, tas-7 ta' Frar 2014:

*"Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tgħid li, mqar jekk l-attur kellu raġun, ma kienx tajjeb li jħalli ż-żmien jgħaddi. Fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv', il-liġi trid li "ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perijodu li fih awtorità pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' dik it-tifsira". Dan ifisser li jekk kemm-il darba kien minnu li d-Direttur imħarrek baqa' ma tax*

*deċiżjoni lill-attur dwar it-talba tiegħu, huwa dejjem seta' fetaħ il-kawża minnufih kif għaddew ix-xahrejn żmien minn dak inhar li l-istess Direttur laqa' għandu l-ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu."*

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u għaldaqstant, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

IMHALLEF

DEP/REG